17.7.2019

B9-0013/2019 }
B9-0015/2019 }
B9-0017/2019 }
B9-0021/2019 }
B9-0023/2019 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Idoia Villanueva Ruiz, Miguel Urbán Crespo, Eugenia Rodríguez Palop, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR, Fabio Massimo Castaldo**
Is-sitwazzjoni f'Hong Kong

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 9a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Ifakkar li d-drittijiet tal-bniedem huma universali u indiviżibbli, u jiddenunzja l-istrumentalizzazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet għal finijiet ġeopolitiċi jew ekonomiċi; jiddeplora d-dikjarazzjonijiet intervenzjonisti tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, li ma jgħinux id-drittijiet tad-dimostranti u ma jirrispettawx il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" li jirregola d-drittijiet sew taċ-Ċina u sew ta' Hong Kong;*** |

Or. en

17.7.2019

B9-0013/2019 }
B9-0015/2019 }
B9-0017/2019 }
B9-0021/2019 }
B9-0023/2019 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Idoia Villanueva Ruiz, Miguel Urbán Crespo, Eugenia Rodríguez Palop, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR, Fabio Massimo Castaldo**
Is-sitwazzjoni f'Hong Kong

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jiddispjaċih għall-fatt li l-Kummissjoni neħħiet lil Hong Kong mil-lista ta' sorveljanza tal-UE dwar il-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa li ma jikkooperawx; itenni li l-attivitajiet tal-impriżi Ewropej li joperaw f'pajjiżi terzi jridu jkunu għalkollox konformi mal-istandards internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; jitlob li l-Istati Membri jiżguraw li l-kumpaniji taħt id-dritt nazzjonali tagħhom jibqgħu marbuta li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali, tas-saħħa u ambjentali rikjesti minnhom jekk jistabbilixxu jew joperaw f'pajjiż terz, u li jkunu impenjati li jikkonformaw mad-dmirijiet fiskali tagħhom; jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji kontra l-kumpaniji Ewropej li ma jirrispettawx dawn l-istandards internazzjonali jew li ma jagħtux kumpens xieraq lill-vittmi ta' atti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jkunu direttament jew indirettament responsabbli għalihom;*** |

Or. en

17.7.2019

B9-0013/2019 }
B9-0015/2019 }
B9-0017/2019 }
B9-0021/2019 }
B9-0023/2019 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Idoia Villanueva Ruiz, Miguel Urbán Crespo, Eugenia Rodríguez Palop, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR, Fabio Massimo Castaldo**
Is-sitwazzjoni f'Hong Kong

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 11b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jenfasizza li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tat-trasparenza għandu jkun fiċ-ċentru tal-ftehimiet kummerċjali kollha; jenfasizza li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-approfondiment tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali mhuma kompatibbli la mad-drittijiet tax-xogħol, ma' dawk soċjali u mad-drittijiet tal-bniedem u lanqas mal-protezzjoni tal-interessi u tas-sovranità tal-iżvilupp tal-pajjiżi u tal-popli involuti; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-loġika tal-kummerċ internazzjonali tinbidel għal waħda li sservi l-objettiv li jintlaħqu ftehimiet ta' kooperazzjoni li jkunu ta' vantaġġ reċiproku u li ma jikkompromettux id-dritt tal-pajjiżi għal żvilupp sovran;*** |

Or. en